MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 750/2000/1

**Charles Grech**

**vs**

**Stanley Parisi, Mariella Caruana, Stanley Parisi bhala mandatarju tal-imsiefer Joseph Parisi, Joseph Grech u Frank Grech u b' digriet tas-26 ta' Marzu 2001, l-avukat Dr. Vincent Galea u il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-asenti Joseph Parisi f' din il-kawza u fl-atti l' ohra kollha konnessi u sussegwenti u b' digriet tat-23 ta' Ottubru 2001, Manuela Caruana giet nominata kuratrici deputata biex tirrapprezenta lill-assenti Joseph Parisi fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha sussegwenti**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fit-23 ta' April 1999 mietet Amelia Parisi u b'testment tat-23 ta' Marzu 1973 istitwiet b'eredi taghha kwantu ghan-nofs lit-tfal ta' huha Stanislaw Parisi, u kwantu ghan-nofs l-iehor lit-tfal ta' ohtha Carmelina Grech, u peress li Stanislaw Parisi kellu tlett it-tfal, u cioe' l-konvenuti Stanley Parisi, Mariella Caruana u l-imsiefer Joseph Parisi, u Carmelina Fenech kellha tlett itfal u cioe' l-konvenut Joseph Grech u Frank Grech u l-attur.

Illi ma kienx possibbli li ssir id-divizjoni bonarja tal-assi ereditarji tal-imsemmija Amelia Parisi.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-kontendenti huma l-eredi testamentari ta' Amelia Parisi fi kwoti indaqs bejniethom, li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-imsemmija Amelia Parisi, li l-istess assi jigu divizi f'sitt (6) ishma ugwali u li l-istess assi hekk divizi jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u li, f'kaz li l-immobbli mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti, jigi ordnat li l-istess immobbli jinbieghu b'liccitazzjoni, u ir-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-kontedenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Grech fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipejnt ma jopponix u qatt ma oppona il-qasma ossia d-divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Amelia Parisi salv li jigi l-ewwel stabbilit u accertata il-konsistenza tal-istess assi u jigu stabbiliti l-kwoti spettanti lill-eredi;

2. Illi f' kull kaz, l-eccipjenti ma ghandu jbati ebda spejjez tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Frank Grech debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mariella Caruana u Stanley Parisi proprio fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipejnt ma jopponux u qatt ma opponew il-qasma ossia d-divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Amelia Parisi salv li jigi l-ewwel stabbilit u accertata il-konsistenza tal-istess assi u jigu stabbiliti l-kwoti spettanti lill-eredi;

2. Illi f' kull kaz, l-eccipjenti ma ghandhom jbatu ebda spejjez tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Mariella Caruana u Stanley Parisi proprio debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Grech fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti m' ghandux oggezzjoni illi l-assi ereditarji tal-mejta Amelia Parisi jinqasmu u/jew jinbieghu b'licitazzjoni skond il-bzonn, b' dan li qabel ma jinqasmu l-assi f'sitt porzjonijiet ugwali, l-eccipjent ghandu jigi kumpensat tas-servigi minnu resi flimkien ma' martu fil-konfront ta' Amelia Parisi tul hajjitha;

2. Illi l-eccipjenti m' ghandux ibghati l-ispejjez ta' din il-kawza stante illi kien l-attur illi naqas milli jasal ghal ftehim bonarju mal-kontendenti l-ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Grech debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mariella Caruana bhala kuratrici tal-assenti Joseph Parisi fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenut Joseph Parisi qatt ma oppona l-qasma ossia d-divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Amelia Parisi.

Ghandu jigi l-ewwel stabbilit u accertata il-konsistenza tal-istess assi u jigu stabbiliti l-kwoti spettanti lill-eredi.

2. Illi f' kull kaz, l-eccipjenti ma ghandu jbati ebda spejjez tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuta Mariella Caruana nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat id-dikriet taghha tat-23 ta' Ottubru 2001 li bih gew nominati l-AIC Godwin Abela bhala Perit Tekniku u l-Avukat Dottor Edward Zammit Lewis bhala Perit Legali biex jassisti l-Perit Tekinku u dana bil-fakoltajiet kollha soliti.

Rat ir-relazzjoni kongiunta tal-Perit Gudizzjarji debitament konfermata bil-gurament.

Rat il-verbali tas-seduti u tal-accessi mizmuma mill-Perit Gudizzjarji.

Semghat it-trattazzjoni orali da parti tad-difensur tal-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Il-kontendenti kollha huma l-eredi ta' Amelia Parisi li mietet fit-23 ta' April 1999. B'testment tat-23 ta' Marzu 1973 l-imsemmija Amelia Parisi istitwiet bhala eredi taghha kwantu ghan-nofs lit-tfal ta' huha Stanislaw Parisi, u kwantu ghan-nofs l-iehor lit-tfal ta' ohtha Carmelina Grech. L-imsemmi Stanislaw Parisi kellu tlett it-tfal, u cioe' l-konvenuti Stanley Parisi, Mariella Caruana u l-imsiefer Joseph Parisi. Carmelina Fenech ukoll kellha tlett itfal u cioe' l-konvenuti Joseph Grech u Frank Grech u l-attur Charles Grech. Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li ma kienx possibbli li ssir id-divizjoni bonarja tal-assi ereditarji in kwestjoni u ghalhekk huwa qed jitlob li jigi dikjarat li l-

kontendenti huma l-eredi testamentari ta’ Amelia Parisi fi kwoti indaqs bejniethom. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati l-assi ereditarji in kwestjoni u li l-istess assi jigu divizi f’sitt (6) ishma ugwali u li l-istess assi hekk divizi jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti. L-attur talab ukoll li, f’kaz li l-immobbli mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti, jigi ordnat li l-istess immobbli jinbieghu b’liccitazzjoni, u ir-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti.

Il-konvenuti kollha ddikjaraw li ma jopponux it-talba ghad-divizjoni purche’ li l-ewwel tigi stabbilita u accertata l-konsistenza tal-istess assi u jigu ukoll stabbiliti l-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti. Il-konvenut Joseph Grech wahdu zied jeccepixxi li qabel ma jinqasmu l-assi huwa ghandu jigi kumpensat ghas-servigi allegatament minnu resi flimkien ma’ martu fil-konfront tad-decujus. Fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Joseph Grech, it-talba kontenuta fl-istess eccezjjoni ma kelliex issir per via di eccezzione izda semmai kellha ssir talba formali b’citazzjoni jew b’rikors guramentat kontra l-legittimi kontraditturi, li b’hekk kien ikollhom l-opportunita’ li jirrispondu formalment ghall-istess talba. Ghal dawn ir-rtagunijiet din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Joesph Grech ma tista qatt tigi akkolta. Inoltre jista jinghad ukoll li l-imsemmi konvenut ma pproducja l-ebda prova in sostenn tal-imsemmija pretensjoni tieghu kif kontenuta fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu.

F’dawn il-proceduri gew nominat Perit Tekniku u Perit Legali biex jasisti lill-Perit Teniku u cioe’ l-AIC Godwin Abela u l-avukat Dottor Edward Zammit Lewis. Il-Qorti esaminat funditus u bir-reqqa r-relazzjoni kongiunta ta-Periti Gudizzjarji. Wara dan l-esami u wara li nghatat konsiderazzjoni lir-risultanzi u lic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, il-Qorti tiddikjara li taqbel mal-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlu l-abbli Periti Gudizzjarji u taqbel ukoll mal-konkluzjonijiet kollha li waslu ghalihom l-istess periti. Il-Qorti ghalhekk taddotta l-istess konkluzjonijiet u taghmillhom taghha.

Din hi kawza qed issir sabiex l-assi eredidarji tal-mejta Amelia Parisi jigu divizi bejn l-eredi taghha u cioe' bejn il-kontendenti kollha. L-imsemmija Amelia Parisi istitwit bhala eredi testamentarji taghha fi kwoti indaqs bejnithom in kwantu ghan-nofs lit-tlett itfal ta' huwha Stanislaw Parisi li effettivament huma l-konvenuti Stanley Parisi, Joseph Parisi u Mariella Caruana u in kwantu ghan-nofs l-iehor lit-tfal ta' ohtha Carmelina Grech li huma l-attur Charles Grech u l-konvenuti Frank Grech u Joseph Grech. Kwindi l-massa ereditarja trid tinqasam f'sitt porzjonijiet ugwali. Il-Periti Gudizzjarji rrilevaw li biex din il-kawza tigi rizolta ghandu jsir esercizju fejn l-assi ereditarji jinqassmu b'mod prattiku u ragionevoli f'sitt kwoti ugwali.

Il-Periti Gudizzjarji elenkaw ll-massa ereditarja u cioe':-

a) fond immobbiljari li jgib in-numru 195, Triq San Gejtanu, Hamrun.

b) deheb u hwejjeg ohra simili li jinsabu fis-safety deposit box gewwa l-Bank of Valleta plc tal-Hamrun.

c) Flus kontanti li jinsabu f' kont bankarju gewwa l-Bank of Valletta plc

Il-Periti rrilevaw li l-attur allega li fil-massa ereditarja kien hemm aktar oggetti konsistenti principalment f'arlogg ta' San Gorg, kif irrefera ghalih l-istess attur, kien hemm aktar deheb, kif ukoll aktar flus. Dawn l-allegazzjonijiet, skond il-Periti, pero' ma gewx sufficjentement provati. Il-Qorti zgur li taqbel ma din il-konkluzjoni.

Ghar-rigward tal-imsemmi fond fil-Hamrun il-Perioti kkonkludew li l-fond, li gie valutat fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000), mhux komodament divizibbli bejn il-partijiet u ghalhekk il-fond ghandu jinbiegh bil-licitazzjoni u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet fi kwoti ta' parti wahda minn sitta (1/6) kull wahda.

Il-Periti kkonkludew li l-flus kontanti appartenenti lill-assi ereditarji in kwestjoni jikkonsistu mis-segwenti kontijiet bankarji u flus kontanti:-

a) il-kont bankarju, f'isem id-decujus, fil-Bank of Valletta plc bin-numru 13802732013 tat-tip Savings Account. Fit-12 ta' Awwissu, 1999 il-bilanc f'dan il-kont kien ta' tlettax-il elf mija u sitt liri Maltin (Lm13106).

b) kont bankarju iehor tat-tip fissi li jinsab ukoll fil-Bank of Valletta plc bin-numru 13802732039.

c) zewg kontijiet fil-Bank esteru bl-isem ta' Lombard North Central plc tat-tip '3-month notice' bin-numri 10414150 u 10414169, kif ukoll kont iehor fl-istess bank tat-tip 'Premier 4 Year Fixed' bin-numru 10521054 (l-istatements relattivi ghal dawn iz-zewg kontijiet huma markati bhala Dok 'JG2' sa JG4.'

d) s-somma ta' Lm170 li tinsab fil-pussess tal-attur li hija bilanc minn somma akbar li giet fdata lill-attur mid-decujus (vide affidavit tal-attur Dok EZL1.

Dawn, fl-imkien mal-imghaxxijiet relattivi huma facilment divizibbli f'sitt kwoti ugwali.

Id-deheb appartenenti gie stmat fis-somma komplessiva ta' elf mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm1178). Inoltre kull oggett gie ukoll stmat individwalment u a basi ta' tali stima l-Periti setghu jaghmlu sitt lottijiet li l-valur approssimattiv ta' kull lot huwa ta' circa mija u sitta u disghin lira maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm196.33). Dawn il-lottijiet, skond il-ligi, ghandhom jigu assenjati bil-polza lill-kull wiehed u wahda mill-kontendenti. Il-lottijiet huma s-segwenti:-

Lott 1
1. Broach 9 carrot
2. Bicca misluta
3. bracelet
5. Imsielet bil-ganc

Lott 2
12. broach bilgamew
13. imsielet gamewa
14. sett ta’ zewg imsielet u curkett zilkoni
15. Munita ta’ Churchill

Lott 3
4. Zewg imsielet bil-fossa blu fihom
6. Imsielet b’ fossa sewda gewwa fihom
7. Choker herring bone
8. Imsielet tal-fullugran
18. Brazzulletta b’ arma

Lott 4
9. broach tad-deheb
10. gizirana tad-deheb
11. pendent b’ fossa blu
22. kuruna tal-hgieg
23. brazzuletta tac-comb

Lott 5
16. imsielet zilkoni
20. brazzulletta tal-frieket
21. broach bil-perla tal-plastic
24. choker u par imsielet tal-markazit
27. choker ghenba

Lott 6
17. imsielet bil-pendent imdendel
19. arlogg tad-deheb
25. curkett u par imsielet djamanti faccetti
26. curkett 9 carrot bil-wicc silver u broach l-istess faccetti
27. choker ghenba
28. chain bil-pendent
29. par imsielet bil-perla tal-plastic
30. arlogg m’hux tad-deheb u funzjonanti izda l-brazzulletta hi tad-deheb u l-arlogg tal-marka Timex.

Dwar il-mobbli u l-kontenut tal-fond fil-Hamrun il-Periti nnutaw li huma ghamlu inventarju dettaljat ta’ dak kollu li kien hemm fl-imsemmi fond u tal-valuri relattivi.

Sussegwentement, bi qbil mal-kontendenti, saret stima tal-oggetti kollha indikati fl-inventarju u l-valur tal-oggetti gie stmat fis-somma komplessiva ta' tlett elef tlett mija u sebgha u hamsin lira maltin (Lm3357). Saret ukoll stima ta kull oggett individwalment. Ghalhekk il-Periti qasmu dawn l-oggetti f'sitt (6) lottijiet bil-valur ta' circa hames mija u disgha u hamsin lira maltin u hamsin centezmu (Lm559.50) kull lott. Dawn ghandhom jigu assenjati, skond il-ligi, lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bil-polza. Dawn il-lottijiet huma s-segwenti:-

Lott 1.

2. Antique victorian mahagony centre table
3. antique piano stool
4. antique upright piano
16. 5 brass weights
21. 2 antique stone pots on columns
30. wax baby jesus sitting
32. marble top for wash stand in yard
36. antique paraffin lamp

Lott 2

10. chest of drawers bureau
13. coat of arms frame
15. 2 pharmacy bottles
18. 2 antique ricordo chine cups
19. antique chine cups

Lott 3

42. antique mahagony victorian chest of drawers
43. mother of pearl holy cross

Lott 4

1. antique wall mirror
5. antique stone pot and column
6. chandelier
7. wall clock
11. commode without marble
24. victorian chest of drawers marble top
25. terracotta figure of Saint Joseph under dome
26. terracotta figure of holy mary under dome

33. travelling case
37. antique china basin and jug
38. antique china potty

Lott 5
8. portrait of oil painting
9. gilded wall mirror
17. painted showcase
20. antique china pot with two handles
22. painted wardrobe
23. sewing machine
28. wax baby jesus under glass dome
29. bisque china figure of our lady
40. gilded chandelier

Lott 6
12. victorian mahagonly bookcase
14. antique sword
27. large gesso holy figure
31. victorian wash hand table marble top
34. painted wardrobe
39. two antique hand painted glass handles
41. 2 green glass witch balls

Dwar il-kap tal-ispejjez il-Periti kkonkludew li, fid-dawl tal-provi prodotti, l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u cioe' billi l-attur ibati nofs l-ispejjez ta' din il-kawza filwaqt li l-konvenuti fi kwoti ugwali bejniethom ihallsu ir-rimanenti nofs.

Kif gia nnutat il-Qorti taqbel ma dawn il-konkluzjonijiet kollha, liema konkluzjonijiet il-Qorti taghmillhom taghha.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Joseph Grech u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet tal-attur u tiddikjara li l-kontendenti huma l-eredi testamentari ta' Amelia Parisi fi kwoti indaqs bejniethom, Tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmija Amelia Parisi fl-ammonti indikati mill-Periti Gudizzjarji fir-relazzjoni taghhom. Tordna li l-istess assi jigu divizi f'sitt (6) ishma ugwali u li l-

istess assi hekk divizi jigu assenjati, skond kif issottomettew l-abbli Periti Gudizzjjarji fir-relazzjoni, lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u dan kif gew divizi f'lottijiet mill-Periti Gudizzjarji ukoll fir-relazzjoni taghhom. Peress li l-fond immobbiljari numru 195, Triq San Gejtanu, Hamrun, li jappartjeni lill-assi ereditarji tad-decujus, mhux komodament divizibbli bejn l-eredi kollha tordna li l-istess immobbli jinbiegh bi-licitazzjoni taht l-awtorita' ta' din il-Qorti u r-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti kollha.

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal nofs mill-attur u kwantu ghar-rimanenti nofs mill-konvenuti kollha in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------